# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## (Sede Inferjuri)

**7 ta' Jannar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Georgina Gauci

## *Ragion Fattasi*

*Fil-liġi tagħna r-reat ta'* ragion fattasi *mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjetà iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra. Għalhekk mhix applikabbli d-disposizzjoni ta' l-artikolu 331 tal-Kodiċi Kriminali li tipprovdi li, b'eċċezzjoni ta' ċerti delitti, "ma hemmx azzjoni kriminali għal reati li jsiru kontra ħwejjeġ ... tar-raġel jew tal-mara ...". Din id-disposizzjoni hi applikabbli biss għad-delitti kontra l-proprjetà (u kontra s-sigurtà pubblika), jiġifieri mill-artikolu 261 'il quddiem.*

*Il-ko-possessuri ta' oġġett għandhom - sakemm ma jiġix miftiehem jew ordnat mod ieħor minn awtorità kompetenti, jew sakemm mhux ipprovdut mod ieħor fil-liġi - drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oġġett. L-istess jingħad għall-koproprjetarji: dawn għandhom drittijiet indaqs fuq l-oġġett u, kif jipprovdi espressament l-*

*artikolu 491 (b) tal-Kodiċi Ċivili, għalkemm kull wieħed mill-koproprjetarji jista' jinqeda bil-ħwejjeġ in komun, dan ma jistax jagħmlu "b'mod li ma jħallix lill-koproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skond il-jeddijiet tagħhom".*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Georgina Gauci, liema imputazzjoni tgħid hekk: "talli f'dawn l-aħħar tliet xhur mis-26 ta' Lulju, 1996 qiegħda tippossessa karozza b'numru tar-reġistrazzjoni T-7684 tal-marka Isuzu Gemini kontinwament u mingħajr il-kunsens tal-koproprjetarju li huwa r-raġel tiegħek Joseph Gauci u aktar talli qiegħda tiddeposita l-istess f'post mhux magħruf u għalhekk b'mod arbitrarju qiegħda ċċaħħad it-tgawdija ta' din il-vettura bi ksur ta' l-istess (*sic*) l-artikolu 85 tal-Kap. 9";

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-7 ta' Marzu, 1997 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Georgina Gauci ħatja, skond l-imputazzjoni dedotta kontra tagħha, tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali u lliberatha taħt l-artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Georgina Gauci, minnha ppreżentat fit-12 ta' Marzu, 1997, li permezz tiegħu talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Bejn l-appellanti u żewġha hemm kawża ta' separazzjoni pendenti. Mill-provi din il-Qorti hi sodisfatta, bħalma neċessarjament kienet l-Ewwel Qorti, li l-vettura T-7684

tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u għahekk hija proprjetà komuni bejn l-appellanti u żewġha. Għall-anqas sakemm ħarġet iċ-ċitazzjoni tal-pulizija ma jirriżultax li kien hemm xi ordni tal-Qorti kompetenti li tiddetermina l-użu ta' l-imsemmija vettura minn parti jew minn oħra. Anqas ma jidher - dejjem sal-ġurnata li fiha ħarġet iċ-ċitazzjoni - li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet dwar l-istess; tali ftehim ġie rreġistrat biss quddiem il-Qorti Inferjuri fl-udjenza tat-12 ta' Diċembru, 1996 (mhux 1997, kif erroneament jindika l-verbal) billi Georgina Gauci u Joseph Gauci obbligaw ruħhom fis-sens li l-vettura T-7684 tużaha l-istess Georgina Gauci, mentri l-vettura N-8450 jużaha Joseph Gauci. Sakemm sar dan il-ftehim, il-vettura T-7684, ġaladarba kienet proprjetà komuni tal-konjuġi, setgħu jużawha t-tnejn li huma. Mill-provi jirriżulta li dak li ġara kien li l-appellanti kkapparrat din il-vettura għaliha b'mod li ma ħallietx lil żewġha jagħmel użu minnha;

L-appellanti tikkontendi li r-reat ta' *ragion fattasi* ma japplikax bejn il-miżżewġin fir-rigward ta' proprjetà li huma jipposjedu in komuni bejniethom, anke jekk bejniethom ikun hemm pendenti kawża ta' separazzjoni. L-appellanti m'għandhiex raġun fuq dan il-punt. L-ewwelnett għandu jiġi osservat li fil-liġi tagħna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjetà iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra. Għalhekk mhix applikabbli d-disposizzjoni ta' l-artikolu 331 tal-Kodiċi Kriminali li tipprovdi li, b'eċċezzjoni ta' ċerti delitti: "ma hemmx azzjoni kriminali għal reati li jsiru kontra ħwejjeġ ... tar-raġel jew tal-mara ...". Din id-disposizzjoni hi applikabbli biss għad-delitti kontra l-proprjetà (u kontra s-sigurtà pubblika), jiġifieri mill-artikolu 261 'il quddiem. Fost l-ipotesijiet ikkontemplati fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 hemm dik ta' min "ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu". Il-ko-possessuri ta' oġġett għandhom - sakemm ma jiġix miftiehem jew ordnat mod ieħor minn awtorità kompetenti, jew sakemm mhux

ipprovdut mod ieħor fil-liġi - drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oġġett. L-istess jingħad għall-koproprjetarji jista' jinqed bil-ħwejjeġ in komun, dan ma jistax jagħmlu "b'mod li ma jħallix lill-koproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skond il-jeddijiet tagħhom". Ovvjament hemm ċerti oġġetti li ma jistgħux jitgawdew jew jiġu użati mill-ko-possessuri jew mill-koproprjetarji kontemporanjament; il-ko-possessuri jew koproprjetarji ta' pinna ma jistgħux jiktbu biha lkoll f'daqqa! Fil-każ tal-pussess - għax l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jittutela l-pussess u mhux il-proprjetà - dak li hu meħtieġ hu li l-ko-possessuri jagħmlu, kull wieħed minnhom, użu raġonevoli mill-oġġett b'mod li ma jkunx jista' jingħad li wieħed qed jippriva lill-ieħor mit-tgawdija raġonevoli ta' dak l-oġġett. U l-istess għandu jingħad fil-konfront ta' xi oġġett, formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, li jkun fil-pussess tal-konjuġi, ġaladarba l-amministrazzjoni ordinarja ta' l-akkwisti tmiss lil kull waħda mill-partijiet miżżewġa (artikolu 1322 (1) tal-Kodiċi Ċivili);

Fil-każ in diżamina l-appellant, bil-fatt li ħadet il-vettura T-7684 għall-użu esklussiv tagħha għal aktar minn sena meta din il-vettura sa dak iż-żmien kienet fil-pussess kemm tagħha kif ukoll ta' żewġha, fixklet lil żewġha fil-pussess ta' ħwejjġu, u għalhekk jikkonfigura r-reat ikkontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap. 9. Flok ma l-appellanti irrkorriet quddiem l-awtorità ġudizzjarja kompetenti - imqar kif ipprovdut fl-artikolu 6A tal-Kodiċi Ċivili - hi assumiet pussess esklussiv tal-vettura;

Żewġ aggravji oħra (fuq il-fatti u fuq il-piena) ta' l-appellanti huma dipendenti fuq l-ewwel aggravju, ċjoè fuq il-punt ta' dritt aktar 'il fuq determinat u għalhekk qed jiġu ukoll respinti;

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-

sentenza appellata.